MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Numru. 555/2009

Il-Pulizija
(Spettur Keith Arnaud)

vs

Joseph Scerri

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Joseph Scerri ta’ 37 sena, iben Joseph u Mary nee’ Azzopardi, mwieled Attard nhar l-24 ta’ Frar 1968 u residenti ‘Ronnie’, Nru. 48 Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 169168(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

a) Nhar is-26 ta’ Awwissu 2005 wara nofs in-nhar f’ tal-Pieta’, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn vettura ta’ ghamla Toyota Starlet bin-numru ta’ registrazzjoni FBP 023, liema serq huwa kwalifikat, bix-xorta tal-haga

misruqa, u li sar ghad-detriment ta’ Mariella Dalli mill-Fgura ;

b) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ vettura ta’ ghamla Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni FBP 023, liema hsara taccedi Lm50 (hamsin lira maltin) u li sar ghad-detriment ta’ Mariella Dalli mill-Fgura ;

c) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom ;

d) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta’ artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ April 2009 (esebit a fol. 38 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta’ Marzu 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-25 ta’ Gunju, 2010 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu salv ghall-akkuza (c) li inghatat bhala alternattiva ghall-akkuza (a).
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar

solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi salv ghall-akkuza (c) li inghatat bhala alternattiva ghall-akkuza (a).

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv izda kkunsidrat ukoll li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u ghalhekk jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva izda fil-minimum. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-akkuza mmarkata bhala (b) kienet mezz ghal fini tal-akkuza mmarkata bhala (a) u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 271, 281, 325, 17 u 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat Joseph Scerri hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessi u tikkundannah disa’(9) xhur prigunerija salv ghall-akkuza (c) li inghatat bhala alternattiva ghall-akkuza (a).

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza mmarkata bhala (c) stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-akkuza mmarkata bhala (a).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------